**223. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat, jipproponi**:

**MOZZJONI NRU. 223 BIEX ID-DISKORS TAL-PRIM MINISTRU U TAL-KAP TA' L-OPPOŻIZZJONI FUQ IL-MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA JKUNU JISTGĦU JINGĦATAW DIRETTAMENT FUQ IT-*TELEVISION* U MEZZI OĦRA TAX-XANDIR**

"Illi l-Kamra tiddeċiedi li d-diskors tal-Prim Ministru u dak tal-Kap tal-Oppożizzjoni fuq il-mozzjoni biex tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 1980, ikunu jistgħu jiġu ffilmjati u jintwerew direttament fuq it-television u mezzi oħra tax-xandir; u li għal dan il-għan, ikunu jistgħu jidħlu fil-Kamra l-persuni li jkun hemm bżonn, fiż-żewġ seduti allokati għal din id-diskussjoni.

22.11.1979